# Mafkar lil Kuntistabbli Mark Farrugia

***(Kuntistabbli Numru 525)***

Minn Anthony Piscopo

■ Ix-xahar ta' Marzu, li għalina t-Tarxiniżi huwa wkoll mgħadud bħala x-xahar ta' Marija Annunzjata (il-25 ta' Marzu - festa liturġika tal-Lunzjata), l-Għaqda Mużikali, flimkien mal-komunità Tarxiniża, u l-mexxejja ċivili tal-lokalità, jfakkru b'rispett il-memorja ta' wieħed minn ulied Ħal Tarxien - il-ħabib u kollega tagħna - Mark Farrugia, fejn twaqqaf mafkar fir-raħal tagħna. U r-raġuni hija sempliċi. Fix-xahar ta' Marzu jaħbat l-anniversarju tat-telfa minn fostna ta' dan Mark.



*Mark f'Jum l-Ewwel Tqarbina*

Din is-sena taħbat is-seba' anniversarju mill-mewt ta' dan seħibna u li kien meqjus bħala parti mill-futur garantit li l-festa ta' Marija Annunzjata kellha, frott il-ħeġġa u l-imħabba li ħafna żgħażagħ ikollhom lejn raħal twelidhom. Ukoll, b'rispett lejn dan il-martri, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien u b'mod partikulari bl-inizjattiva u t-tħabrik tas-Sur Pawlu Farrugia, is-Sindku preżenti, twaqqaf monument b'tifkira ta' dan il-blanzun fl-aħjar ta' żgħożitu u li ġie mikxuf b'ċerimonja u b'diskorsi kommoventi li jixirqu lil din l-okkażjoni - nhar il-Ħadd, 4 ta' Marzu 2006.

Lis-Sur Pawl nifirħulu tal-biċċa xogħol li daħal għaliha u li fil-fatt wettaqha b'suċċess għas-sodisfazzjon ta' kulħadd. Id-dehra ta' Mark liebes bl-uniformi ta' pulizija, bil-ħsieb li wiċċ Mark jibqa' magħna kif verament nafuh madwarna, inħadem fuq l-abbozz tal-bravu Artist/Skultur Tarxiniż, Renzo Gauci.

Din it-tifkira tal-maħbub Mark, minbarra li l-inizjattiva kienet primarjament tas-Sur Pawl Farrugia, huwa kellu ukoll l-għajnuna ta' diversi persuni, fosthom wieħed mis-superjuri li kellu Mark - is-Supretendent Raymond Vella Gregory. Dan il-Monument jinsab fi Triq Sardinja, fil-parti imsemmija - "Ġnien Mark Farrugia". Biex għal mument ma nħallu lil ħadd barra, nirringrazzjaw u nifirħu lil dawk kollha li b'xi mod taw is-sehem tagħhom għas-suċċess ta' din l-inizjattiva. Prosit.

***Mela min kien dan Mark!***

■ F'din il-kitba, ftit li xejn nixtieq li nuża l-kelma "mfakkar" għax aktarx li ma nkunx qed nuża l-kelma adattata f'dan il-każ. Fil-fatt, lil seħibna bqajna nsemmuh daqs li kieku għadu magħna. Altru li ma għandniex bżonn li infakkruh.

Kienet il-festa ta' San Ġużepp, il-Ġimgħa, 19 ta' Marzu 1999, meta l-ħabib tagħna Mark, qabel daħal għax-xogħol ta' bil-lejl (li għal min ma kienx jaf, xogħlu kien ta' kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija), għadda sal-każin tal-Banda, fejn konna qed inħejju *Wirja ta' Statwi tal-Madonna* fl-okkażjoni tal-festa liturġika tal-Lunzjata li kellha tkun iċċelebrata l-Ħamis, 25 ta' Marzu.

Ftit ħin qabel ma għadda sal-każin, Mark kien ġab statwa żgħira tal-Lunzjata għal din il-wirja. Għalhekk, waqt it-titwila li ta qabel ma mar għax-xogħol, u kif għedna reġa' għadda sal-każin, sab lili, li kont inkarigat ninnumera kull oġġett jew statwa li titpoġġa fil-wirja u qalli - "Waħħaltli numru Nin?. Jien irrispondejtu - Iva Mark, hemm qiegħda. Qalilna "ċaw" u telaq lejn ix-xogħol.

*Għal paġna 56...*

L-għada, kien għadu lanqas sebaħ, f'xi s-sitta ta' filgħodu, ċempel it-telefon tad-dar u kif qbadt ir-"receiver", fuq il-linja sibt lil ħabib ieħor, li wkoll jiffrekwenta l-każin tal-banda u fl-istess ħin ħabib u kollega ta' Mark fl-istess ġeneru ta' xogħol - Toni Farrugia, b'nifsu maqtugħ, u b'isteriżmu fuqu tant, li l-unika frażi ripetuta li ħarġet minn fommu kienet - "Nin, Nin qatlulna lil Mark, qatlulna lil Mark." U din l-aħbar tant kiefra kienet il-bidu li wasslet għall-final li żgur li ħadd ma seta' jemmen li ġara. Mark kien persuna tant mogħnija bi kwalitajiet sbieħ u li hija ħaġa ċerta li ma kienx ser jasal biex jagħmel xi deni jew ħsara lil xi maħluq.




Biex wieħed forsi jirnexxilu jasal jew iqarreb li jsemmi mqar x'tip ta' karattru li kellu dan Mark, nifhem li trid talanqas timla numru ta' paġni mill-ispazju limitat ta' din il-pubblikazzjoni. Kien żagħżugħ mogħni b'ħafna virtuijiet sbieħ li jżejnu lil tifel imrobbi tant tajjeb fl-imħabba ta' familja eżemplari.

Aħna, li nafu lil Mark bħala wieħed minna f'dak kollu li huwa mal-festa tar-raħal u l-każin tal-banda, diffiċli biex għal mument wieħed biss ninsew din il-ġrajja tant kiefra li ħallietna mingħajr kliem, imma b'memorji tant sbieħ ta' seħibna Mark.

U qed niddeskrivi lil dan iż-żagħżugħ b'dan il-mod, għal raġuni sempliċi ħafna - li Mark qatt ma seta' għamel xi ħaġa li kien jistħoqqlu dan. L-unika raġuni li wieħed jista' jasal għaliha hija, li sforz l-onestà u l-lealtà lejn dmirijietu sab min jaħsadulna minn fostna. Imma allura b'dan il-mod tant faħxi u krudil!

Id-dwejjaq, li ovvjament toħloq dehra ta' funeral, żgur li għall-familja Farrugia - Missieru Alfred, ommu Josephine, u oħtu Joanne, is-sofferenza laħqet fl-aqwa punt ta' kemm bniedem jiflaħ isofri. F'mument tant diffiċli, kien impossibbli li ssib kliem ta' faraġ li seta' jtaffi dan id-dulur tant kbir. Biss, il-Mulej ma setax jabbanduna din il-familja f'mumenti tant diffiċli u li forsi anke setgħu jaslu li jitilfu t-tama tagħhom Fih. U dan stajna ninnutawh fi kliem l-istess familjari f'dawk il-mumenti ta' qsim il-qalb. "Sibna l-Faraġ li konna Ninħtieġu. Sibna l-faraġ, kemm mill-poplu tar-Raħal u anke minn barra r-raħal. Għax il-funeral kien segwit minn folol kbar ta' nies li segwew kollox minn San Luqa saċ-Ċimiterju ta' l-Erwieħ f'Ħal Tarxien."

Mill-folol li ħonqu l-knisja parrokkjali wieħed seta' jinduna x'rispett kien igawdi Mark. In-nies bkietu daqs kemm bkewh il-familjari tiegħu, tant, li oħtu Joanne f'ħin minnhom lissnet - "Ħassejt ċertu unur li dak huwa ħija, konna nafu li huwa maħbub, imma l-funeral tana l-akbar prova ta' dan." Lil Mark tilfuh il-familja tiegħu, - tilfu r-Raħal fejn twieled u trabba - kif ukoll tilfuh dawk kollha li kien ħaġa waħda magħhom - il-knisja, il-festa u l-Każin tal-Banda.

Ta' min hawnhekk wieħed isemmi b'mod enfasizzat kemm Mark kien tifel dedikat lejn il-festa tar-Raħal, b'mod partikulari lejn il-Madonna, taħt it-titlu ta' Marija Annunzjata. U dan qed insemmih għall-fatt li Mark, fi kliem missieru Freddie, fil-kartiera ma kontx issiblu mqar ritratt wieħed biss ta' xi membru tal-

familja, minkejja l-għaqda u r-rabta li kienet teżisti bejniethom, imma kont issiblu Biss ritratti ta' l-istatwa li tant kien iħobb - ta' Marija Annunzjata.



Dawn l-erba' kelmiet inħoss li huma biss tifkira ta' parti minn tmiem traġiku ta' ħajjet Mark, għax jekk wieħed kellu jidħol f'iżjed dettal żgur li jkun diffiċli biex jieqaf. Tajjeb li lil Mark nibqgħu niftakruh kif dejjem konna nafuh. "Bi tbissima sinċiera u ħarsa innoċenti." Mark ma ħalliniex b'mod naturali, imma d-destin ried li fl-aqwa ta' żgħożitu kellu jsib min iċaħħdu mill-imħabba li kien igawdi, b'mod partikulari mill-familjari tiegħu, li għalihom, l-hena u l-ferħ ta' familja magħquda kellha tintemm b'dan il-mod krudil.



***Insellmulek Mark!***

# Lill-Kollega u Ħabib Mark Farrugia

*F'dak il-jum kiesaħ ta' Marzu, ftit ħin qabel iż-żerniq,*
*Il-mewt kiefra ħajtek ħasdet, dlonk madwarna beda d-diq.*

*U mat-tokki tqal tal-qniepen, li ta' mewtek taw l-aħbar.*
*Bkew qrabatek u bkew ħbiebek, tweġġħet qalbna b'dan l-imrar.*

*Għalkemm forsi dit-tifkira, demgħa tniżżel ma' ħaddejna,*
*Il-kuraġġ u ż-żelu tiegħek, dejjem f'qalbna lkoll żammejna.*

*Sa mill-bidu li sirt membru ta' dal-Korp inti emmint,*
*F'dak il-kliem f'qalbek mirquma 'O Mulej mexxina Int'.*

*Wegħda vera ħaddant miegħek u kont sod fil-lealtà*
*Int bqajt samm bla ma tiċċaqlaq sal-mument tal-verità.*

*Mark, Ħabib, għażiż kollega, insellimlek f'dil-ġurnata,*
*Ħarsti titla' lejn is-sema u narak f'ħdan l-Annunzjata.*

*U quddiem dal-mafkar tiegħek, aħna lkoll hawn miġburin,*
*B'ħeġġa ntennu b'vuċi waħda, "O Mark, bik, aħna kburin".*

*19 ta' Marzu 2006 - Jum l-inawgurazzjoni tal-"Bust" ta' Mark.*

Raymond Vella Gregory